



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

BRUSSELL, 05/11/2010

BAĠIT ĠENERALI - 2010
TAQSIMA III - TITOLI TAL-KUMMISSJONI 01, 29

TRASFERIMENT TA' APPROPRIJAZZJONIJIET Nru **DEC 55/2010**

EUR

MINN

KAPITOLU - 2902 Produzzjoni ta' informazzjoni ta' statistika

ARTIKOLU - 29 02 03 Programm statistiku tal-Komunità 2008-2012

Impenji - 2 000 000

GĦAL

KAPITOLU - 0104 Operazzjonijiet u strumenti finanzjarji

ARTIKOLU 01 04 10 — Sigurtà nukleari

Impenji 2 000 000

I. ŻIEDA

a) Intestatura

01 04 10 - Sigurtà nukleari

b) Ċifri fl-14/10/2010

	Impenji
1A. Approprjazzjoni fil-baġit (baġit inizjali + AB)	p.m.
1B. Approprjazzjoni fil-baġit (EFTA)	0
2. Trasferimenti	0
3. Approprjazzjoni finali għas-sena (1A+1B+2)	0
4. Utilizzazzjoni tal-approprjazzjoni finali	0
5. Ammont mhux użat/disponibbli (3-4)	0
6. Ftigijiet sa tmiem is-sena	2 000 000
7. Żieda proposta	2 000 000
8. Żieda bħala perċentwal tal-approprjazzjoni fil-baġit (7/1A)	Mhux applikabbli
9. Żieda, bħala perċentwal tal-approprjazzjoni finali tas-sena, fis-somma tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 23(1)(b) u (c) tar-Regolament Finanzjarju, ikkalkulata skont l-Artikolu 17a tar-regoli implimentattivi	Mhux applikabbli

c) Irċevuti ġejjin minn irkupru (riporti) (C5)

	Impenji
1. Approprjazzjoni disponibbli fil-bidu tas-sena	0
2. Approprjazzjoni disponibbli fl-14/10/2010	0
3. Rata ta' utilizzazzjoni [(1-2)/1]	Mhux applikabbli

d) Raġunijiet dettaljati għaż-żieda

Il-bażi legali¹ għal operazzjonijiet ta' għoti/teħid b'self tal-Euratom tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li testendi l-għoti b'self tal-Euratom bħala kontribuzzjoni għall-finanzjament ta' impjanti ta' enerġija nukleari fl-UE u kif ukoll bħala kontribuzzjoni għall-finanzjament meħtieġ biex jittejjeb il-livell ta' sikurezza u effiċjenza ta' impjanti ta' enerġija nukleari f'ċerti pajjiżi li mhumiex membri tal-UE. Il-Kunsill iddeċieda² li l-BEI (il-Bank Ewropew tal-Investment) jeżamina u jfhejji rakkomandazzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet kollha mressqa lill-Euratom skont il-prassi bankarja normali tiegħu u bl-użu tal-istess kriterji ekonomiċi, finanzjarji u tekniċi li japplika għal applikazzjonijiet għas-self tiegħu stess. Wara d-deċiżjoni li jingħata self tal-Euratom, normalment il-Kummissjoni ser titlob lill-BEI biex jassisti lill-Euratom sabiex jikkonkludi l-kuntratti tas-self u l-ftehimiet ta' garanzija f'forma sodisfaċenti għall-Euratom.

1 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom tad-29 ta' Marzu 1977 (ĠU L 88, 6.4.1977, p. 9) emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/179/Euratom tal-21 ta' Marzu 1994 (ĠU L 84, 29.3.1994, p. 41).

2 Id-dikjarazzjonijiet dwar l-organizzazzjoni tal-kooperazzjoni bejn il-Euratom u l-BEI fil-kuntest ta' self tal-Euratom huma sipulati fl-Anness III u V tal-minuti tal-Kunsill dwar id-Deċiżjoni tal-1977 u t-taqsimiet B u C tal-minuti tal-Kunsill dwar l-ambitu tad-Deċiżjoni ta' Estensjoni tal-1994. Fl-Anness III paragrafi 3 a) u f) rispettivament, il-minuti tal-Kunsill tal-1977 jiddikjaraw li "...l-BEI ser jeżamina u jfhejji rakkomandazzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet kollha mressqa lill-Euratom skont il-prassi bankarja normali tiegħu u bl-użu tal-istess kriterji ekonomiċi, finanzjarji u tekniċi li japplika għal applikazzjonijiet għas-self tal-BEI... Normalment il-Kummissjoni ser titlob lill-BEI biex jassisti u jikkoopera mal-Euratom sabiex tikkonkludi l-kuntratti ta' self u l-ftehimiet ta' garanzija f'forma sodisfaċenti għall-Euratom."

It-Taqsim B tal-minuti tal-Kunsill tal-1994 tiddikjara kif ġej: "...id-Deċiżjonijiet dwar is-self ser jittieħdu mill-Kummissjoni...wara rakkomandazzjoni mill-BEI".

L-appropriazzjonijiet mitluba ser ikopru l-ispejjeż tal-assistenza ekonomika, finanzjarja u teknika tal-BEI kif ukoll l-ispejjeż tal-assistenza legali neċessarja fir-rigward taż-żewġ proġetti li qed jitolbu self tal-Euratom.

- 1) Il-kumpanija URENCO ressqet talba għal self tal-Euratom li jammonta għal EUR 100 miljun f'Lulju tal-2010 biex iżżid il-kapaċità ta' arrikkiment tal-uranju fl-impjanti ta' produzzjoni ta' Almelo (l-Olanda) u Grunau (il-Ġermanja). Il-kost totali tal-investiment huwa stmat li jammonta għal EUR 567 miljun. L-implimentazzjoni tal-proġett ser tibda fl-2011 u ser iddum bejn sentejn u tliet snin.
- 2) Il-kumpanija Energoatom, l-operatur tal-impjanti nukleari kollha fl-Ukrajna, talbet għal self tal-Euratom f'Novembru tal-2009 sabiex tiffinanzja t-tiġdid fil-qasam tal-sikurezza tal-15-il impjant nukleari kollha fil-pajjiż, l-hekk imsejjaħ 'Pakkett ta' Tiġdid'. Din l-operazzjoni ser issewv bejn l-2010 u l-2017 u l-kost totali huwa stmat li ser jammonta għal EUR 1.45 biljun.

Il-BERŻ (Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp) irċieva talba simili għal self u, wara analiżi ulterjuri, il-kontribuzzjoni tal-Euratom tista' tirrapreżenta sa EUR 500 miljun ikkomplimentata minn EUR 300 miljun oħra mill-BERŻ.

Kif inhu meħtieġ mid-Deċiżjoni tal-Kunsill, l-ispejjeż kollha (eż. l-ispejjeż ta' evalwazzjoni, il-miżati tal-esperti legali, il-miżati ta' sottoskrizzjoni, eċċ.) li jiġġarrbu mill-Euratom fil-konklużjoni u l-eżekuzzjoni tal-operazzjonijiet ta' self għandhom jiġġarrbu mis-selliefa. Dawn l-ispejjeż jistgħu jiġu rkuprati biss wara l-iffirmar tas-self, eż. billi jitnaqqsu meta jiġi żbursat is-self.

Bħalissa dawn l-ispejjeż huma stmati li ser jammontaw għal EUR 800 000 għall-proġett Urenco, li EUR 300 000 minnhom iservu biex ikopru l-ispejjeż ta' evalwazzjoni filwaqt li l-bqija huma meħtieġa biex titħallas l-assistenza legali fil-konklużjoni tal-kuntratt ta' self. Bħalissa l-ispejjeż tal-'Pakkett ta' Tiġdid' tal-Ukrajna huma bbaġitjati għal EUR 1 200 000 biex ikopru r-rakkomandazzjoni tal-BEI dwar l-aspetti ekonomiċi u finanzjarji tal-proġett (EUR 500 000) u l-assistenza legali meħtieġa (EUR 700 000).

II. TNAQQIS

a) Intestatura

29 02 03 - Programm statistiku tal-Komunità 2008-2012

b) Ċifri fl-14/10/2010

	Impenji
1A. Approprjazzjoni fil-baġit (baġit inizjali + AB)	51 219 000
1B. Approprjazzjoni fil-baġit (EFTA)	968 039
2. Trasferimenti	-800 000
<hr/>	
3. Approprjazzjoni finali għas-sena (1A+1B+2)	51 387 039
4. Utilizzazzjoni tal-approprjazzjoni finali	14 989 321
<hr/>	
5. Ammont mhux użat/disponibbli (3-4)	36 397 718
6. Ftigijiet sa tmiem is-sena	34 397 718
7. Tnaqqis propost	2 000 000
8. Tnaqqis bħala perċentwal tal-approprjazzjoni fil-baġit (7/1A)	3.90%
9. Tnaqqis, bħala perċentwali tal-approprjazzjoni finali għas-sena, fis-somma tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 23(1)(b) u (c) tar-Regolament Finanzjarju, ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 17a tar-regoli implimentattivi	Mhux applikabbli

c) Irċevuti ġejjin minn irkupru (riporti) (C5)

	Impenji
1. Approprjazzjoni disponibbli fil-bidu tas-sena	2 788 006
2. Approprjazzjoni disponibbli fl-14/10/2010	0
3. Rata ta' utilizzazzjoni $[(1-2)/1]$	100.00%

d) Id-dettalji dwar ir-raġunijiet għat-trasferiment

Fl-istat kurrenti ta' implimentazzjoni, huwa prevedibbli li l-approprjazzjonijiet għall-impenji disponibbli fl-2010 taħt il-linja baġitarja 29.02 mhux se jintużaw kollha din is-sena, bħala konsegwenza tal-ġabra mhux mistennija ta' żewġ punti separati:

- 1) F'Jannar tal-2010, il-Eurostat irċieva ammont ta' EUR 2.57 miljun minħabba l-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fil-Programm Statistiku tal-Komunità tal-2009. Billi din l-approprjazzjoni addizzjonali saret disponibbli matul l-eżerċizzju tal-2010, parti mill-approprjazzjonijiet inizjali tas-sena baġitarja tal-2010 ma għadhiex meħtieġa.
- 2) Barra minn hekk, wara rkupru marbut ma' kontrolli ex post, dħul assenjat għal ammont ta' EUR 1.28 miljun daħal f'Diċembru tal-2009, u mbaġħad ġie riportat awtomatikament għall-2010. Għaldaqstant, dan l-ammont addizzjonali issa huwa disponibbli fl-2010.

Dawn iż-żewġ ammonti minn 2 introjti differenti jikkonċernaw l-2009 iżda ma kinux disponibbli fil-ħin matul dik is-sena finanzjarja sabiex jiġu impenjati. Għadaqstant dawn l-allokkazzjonijiet addizzjonali huma kkunsidrati biex jiddeterminaw il-livell tal-appropriazzjonijiet tal-2010 meħtieġa biex jimplimentaw il-programm Statistiku matul is-sena kurrenti.

B'konsegwenza tal-elementi ta' hawn fuq, l-appropriazzjonijiet għall-impenji previsti fil-baġit tal-2010 mhux se jkunu meħtieġa kollha fl-2010. Għadaqstant, l-ammont ta' EUR 2 miljuni jista' jsir disponibbli għal ħtiġijiet urġenti oħrajn.